# KAPITOLU 420

## ATT DWAR IR-RIFUĠJATI

*ATT biex jagħmel provvedimenti dwar u jistabbilixxi proċeduri għar-rigward ta' rifuġjati u persuni li jfittxu asil.*

1 ta' Ottubru, 2001

*L-ATT XX ta' l-2000, kif emendat bl-Att VIII ta' l-2004; bl-Avviż Legali 40 ta' l-2005 u 426 ta' l-2007; u bl-Att VII ta' l-2008.*

### TAQSIMA I

### Disposizzjonijiet Ġenerali

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att dwar ir-Rifuġjati.

Tifsir. *Emendat: VIII. 2004.2; VII. 2008.2.*

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"applikant għal asil" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolidi li tkun għamlet applikazzjoni għal asil li ma tkunx għadha ttieħdet deċiżjoni finali dwarha mill-Kummissarju u mill-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati;

"applikazzjoni għal asil" tfisser applikazzjoni li ssir minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolidi li tista' tiftiehem bħala talba għal protezzjoni internazzjonali taħt il-Konvenzjoni;

"applikazzjoni manifestament infondata" tfisser applikazzjoni -

(*a*) li ma tkunx relatata ma' raġunijiet għaliex persuna tkun rifuġjat kif imfissra fil-Konvenzjoni; jew

(*b*) li tkun għal kollox nieqsa fis-sustanza billi l-applikant ma jipprovdi ebda indikazzjoni li se jkun espost għal biża' ta' persekuzzjoni f'pajjiżu stess jew l-istorja li jagħti ma jkun fiha ebda dettall ċirkostanzjali jew personali; jew

(*ċ*) li dwarha l-applikant jagħti dettalji jew iġib provi li b'mod ċar ma jkunux suffiċjenti biex jissostanzjaw il-pretensjoni tiegħu u l-istorja li jagħti tkun waħda inkonsistenti, kontradittorja jew fondamentalment improbabbli; jew

(*d*) li dwarha l-applikant isejjes l-applikazzjoni tiegħu fuq identità falsa jew fuq dokumenti falsifikati jew foloz li huwa jirritjeni bħala ġenwini meta jiġi mistoqsi dwarhom; jew

(*e*) li dwarha l-applikant ikun deliberatament qarraq b'mod sostanzjali; jew

(*f*) li dwarha l-applikant, mingħajr kawża raġonevoli u b'malafidi, ikun qered, ħassar jew xort'oħra għamel minn xi passaport, dokument jew biljett ieħor rilevanti għall-pretensjoni tiegħu, kemm biex jistabbilixxi identità falsa għall-fini ta' l-applikazzjoni tiegħu kemm biex jirrendi l-konsiderazzjoni ta' l-

applikazzjoni tiegħu mill-awtoritajiet iktar diffiċli; jew

(*g*) li dwarha l-applikant ikun deliberatament naqas li jiżvela li jkun qabel għamel appikazzjoni għal asil f'pajjiż ieħor; jew

(*h*) li dwarha l-applikant, għax kellu qabel opportunità biżżejjed li jressaq applikazzjoni għal asil, ikun għamel l-applikazzjoni bil-għan li jwaqqaf ordni li jkun se jsir dwar it-tneħħija tiegħu minn Malta, u ma jkunx ipprovda spjegazzjoni valida għaliex ma jkunx applika aktar qabel; jew

(*i*) li dwarha l-applikant ikun b'mod flagranti naqas milli jikkonforma ruħu ma' obbligazzjonijiet sostantivi imposti bil-provvedimenti tal-liġi ta' Malta għar-rigward ta' proċeduri ta' asil; jew

(*j*) li qabilha l-applikant ikun għamel applikazzjoni għar-rikonoxximent tiegħu bħala rifuġjat fi stat parti fil-Konvenzjoni, u l-Kummissarju jkun sodisfatt li l-applikazzjoni tiegħu kienet ġiet ikkunsidrata u miċħuda kif dovut u li l-applikant ikun naqas li juri bidla materjali f'dawn iċ-ċirkostanzi; jew

(*k*) meta l-applikant għal asil ikun ġej minn pajjiż ta' l-oriġini sigur;

"awtorità li tiddeċiedi" tfisser il-Kummissarju għar-Rifuġjati;

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati kif imwaqqaf bl-artikolu 5;

"dannu serju" tfisser:

(*a*) il-piena tal-mewt jew eżekuzzjoni; jew

(*b*) tortura, piena jew trattament mhux uman jew degradanti li applikant iġarrab fil-pajjiż ta' l-oriġini tiegħu; jew

(*ċ*) theddida serja u individwali għall-ħajja ta' persuna ċivili jew kull persuna minħabba fi vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern;

"deċiżjoni finali" tfisser deċiżjoni dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolidi tingħatax status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja u din ma tkun soġġetta għal ebda appell;

"dikjarazzjoni" tfisser dikjarazzjoni li persuna tkun rifuġjata;

"Direttivi" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar *standards* minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadin ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala rifuġjati jew bħala persuni li fin-nuqqas ta' dan ikunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u d-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE ta' l-1 ta' Diċembru 2005 dwar *standards* minimi dwar proċeduri fi Stati Membri dwar l-għoti u l-irtirar ta' status ta' rifuġjat;

"Dokument ta' l-Ivvjaġġar tal-Konvenzjoni" tfisser id-dokument ta' l-ivvjaġġar imsemmi fl-Artiklu 28 tal-Konvenzjoni;

"l-ewwel pajjiż ta' l-asil" tfisser dak il-pajjiż fejn applikant għal asil:

(*a*) ikun ġie rikonoxxut f'dak il-pajjiż bħala rifuġjat u jkun għadu jista' jutilizza dik il-protezzjoni; jew

(*b*) ikun mod ieħor igawdi protezzjoni biżżejjed f'dak il-pajjiż inkluż kull benefiċċju mill-prinċipju ta' *non-refoulement* u jkun soġġett għal dħul mill-ġdid f'dak il-pajjiż;

"irtirar ta' status ta' rifuġjat" tfisser id-deċiżjoni li tittieħed minn awtorità kompetenti li tirrevoka, ittemm jew tiċħad milli ġġedded l-istatus ta' rifuġjat ta' persuna;

"jibqa'" tfisser li tibqa' fit-territorju, inkluża l-fruntiera jew f'żoni ta' transitu, ta' l-Istat Membru fejn tkun saret jew tkun qegħda tiġi eżaminata l-applikazzjoni għal asil;

"konsulent legali" tfisser persuna li tkun awtorizzata teżerċita l-professjoni legali f'Malta skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; Kap. 12.

"Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni ta' l-1951 dwar l-Istatus ta' Rifuġjati magħmula f'Ġinevra fit-28 ta' Lulju, 1951, li Malta aderiet għaliha fis-17 ta' Ġunju, 1971, u l-Protokoll ta' l-1967 dwar l-Istatus ta' Rifuġjati tal-31 ta' Jannar, 1967 li Malta aderiet għalih fil-15 ta' Settembru, 1971, bla ħsara għad-dikjarazzjonijiet u r-riservi magħmulin minn Malta;

"il-Kummissarju" tfisser il-Kummissarju għar-Rifuġjati, u tinkludi skond il-limitu u l-awtorità mogħtija, lil kull persuna oħra temporanjament awtorizzata f'dik il-kapaċità mill-Ministru;

"il-Kummissarju Għoli" tfisser il-Kummissarju Għoli għar-Rifuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti jew min jirrappreżentah;

"membri tal-familja dipendenti" tfisser il-konjuġi tar-rifuġjat, sakemm iż-żwieġ ikun jissussisti fid-data ta' l-applikazzjoni tar-rifuġjat, u dawk l-ulied tar-rifuġjat li fid-data ta' l-applikazzjoni tar-rifuġjat ikunu taħt l-età ta' tmintax-il sena u ma jkunux miżżewġin;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni, u kull uffiċjal pubbliku li l-Ministru jista' jiddelegalu bil-miktub xi wieħed mid-dmirijiet li huwa għandu taħt dan l-Att;

"minuri mhux akkumpanjat" tfisser persuna li tkun għadha ma għalqitx it-tmintax-il sena li tasal f'Malta mhux akkumpanjata minn adult li jkun responsabbli għaliha sew taħt il-liġi sew b'konswetudni, għal dak iż-żmien kollu li matulu dik il-persuna ma tkunx effettivament ittieħdet taħt il-kura ta' dak l-adult u tinkludi minuri li jitħalla mhux akkumpanjat wara li jkun daħal f'Malta;

"pajjiż ta' l-oriġini" tfisser il-pajjiż jew pajjiżi taċ-ċittadinanza jew, għar-rigward ta' persuni apolidi, fejn kienu qabel soltu joqogħdu;

"pajjiż ta' l-oriġini sigur" tfisser pajjiż li applikant għal asil:

(*a*) ikun ċittadin tiegħu; jew

(*b*) għax ikun persuna apolidi, kien qabel soltu joqgħod f'dak il-pajjiż u ma jkun ippreżenta ebda raġuni gravi għaliex dak il-pajjiż m'għandux jitqies li jkun wieħed li m'huwiex pajjiż ta' l-oriġini sigur fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu;

"pajjiż terz sigur" tfisser pajjiż li l-applikant ma jkollux in-nazzjonalità jew ma jkunx ċittadin tiegħu u fejn -

(*a*) il-ħajja u l-libertà ma jiġux mhedda minħabba fir-razza, reliġjon, nazzjonalità, għaliex tkun membru fi grupp soċjali partikolari jew fehma politika;

(*b*) il-prinċipju ta' *non-refoulement* skond il-Konvenzjoni jiġi rispettat;

(*ċ*) il-projbizzjoni tat-tneħħija bi ksur tad-dritt għall-ħelsien minn tortura u trattament krudil, inuman jew degradanti kif provduta fid-dritt internazzjonali tiġi rispettata;

(*d*) tkun teżisti l-possibilità biex issir talba għal status ta' rifuġjat u, jekk jinstab li jkun rifuġjat, jirċievi ħarsien skond il-Konvenzjoni;

(*e*) l-applikant kien joqgħod hemmhekk għal perjodu ta' żmien konsiderevoli qabel ma daħal Malta;

"preskritt" tfisser preskritt b'xi regolament, regola, ordni jew strument ieħor magħmul taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li jagħti setgħa ta' għemil ta' xi strument bħal dak;

"rifuġjat" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' msejsa fuq ir-realtà li jista' jiġi persegwitat għal raġunijiet ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, sħubija f'xi grupp soċjali jew fehma politika partikolari, ikun jinsab barra mill-pajjiż tan-nazzjonalità tiegħu u ma jkunx kapaċi jew, minħabba f'dik il-biża', ma jkunx irid, jinqeda bil-protezzjoni ta' dak il-pajjiż; jew li, mingħajr ma jkollu nazzjonalità u filwaqt li jkun barra mill-pajjiż fejn soltu kien joqgħod, minħabba f'dawn l-avvenimenti, ma jkunx kapaċi jew, minħabba f'dik il-biża', ma jkunx irid jerġa' lura fih, iżda ma tinkludix lil persuna li tkun eskluża skond ma hemm fl-artikolu 12:

Iżda meta persuna jkollha iktar minn nazzjonalità waħda, il-kelma "pajjiż", imsemmija hawn aktar qabel, għandha tkun tirreferi għal kull wieħed mill-pajjiżi li tiegħu tkun ċittadin, u dik il-persuna ma għandhiex titqies bħala li ma għandhiex il-protezzjoni ta' pajjiżha, jekk, mingħajr biża' msejsa fuq il-persekuzzjoni, ma tkunx fittxet il-protezzjoni ta' xi wieħed mill-pajjiżi li tiegħu dik il-persuna tkun ċittadin:

Iżda wkoll:

(*a*) atti ta' persekuzzjoni fil-kuntest tat-tifsira ta' l-Artikolu 1A tal-Konvenzjoni għandhom ikunu daqstant gravi mix-xorta jew mir-ripetizzjoni tagħhom stess hekk li jkunu jikkostitwixxu vjolazzjoni gravi tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem, partikolarment tad-dritt li ma tistax issir deroga minnu taħt l-Artikolu 15(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;

jew

(*b*) ikunu ġabra ta' diversi miżuri, inklużi vjolazzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem, li tkun daqstant gravi li taffettwa lill-individwu bl-istess mod bħal ma hemm fil-paragrafu (*a*) hawn qabel;

"Stat Membru" għandha l-istess tifsira li ngħatatilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew; Kap. 467.

"status ta' protezzjoni sussidjarja" tfisser ir-rikonoxximent ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolidi bħala persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja taħt it-Taqsima IV;

"status ta' rifuġjat" tfisser ir-rikonoxximent ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolidi bħala rifuġjat.

Konvenzjoni ta' l-1951 dwar l-Istatus ta' Rifuġjati. *Sostitwit: VII. 2008.3.*

**3.** Dan l-Att jinkorpora l-obbligazzjonijiet li Malta assumiet taħt il-Konvenzjoni u l-obbligazzjonijiet tagħha taħt id-Direttivi.

## TAQSIMA II

*Sostitwit: VII. 2008.4.*

### Kummissarju għar-Rifuġjati

Twaqqif t'a Kummissarju għar-Rifuġjati. *Emendat: VIII. 2004.3.*

**4.** (1) Għandu jkun hemm persuna li tkun magħrufa bħala l-Kummissarju għar-Rifuġjati.

(2) Il-Kummissarju jinħatar mill-Prim Ministru minn fost uffiċjali pubbliċi jew minn fost persuni oħra li f'kull każ, fil-fehma tal-Prim Ministru, jkollhom għarfien u esperjenza fi ħwejjeġ li jolqtu r-rifuġjati.

(3) Il-Kummissarju għandu jwettaq dawk il-funzjonijiet li jiġu lilu mogħtija b'dan l-Att, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi hawn aktar qabel, huwa għandu jeżamina applikazzjonijiet li jsiru għal status ta' rifuġjat u jkollu s-setgħa li jagħti ġuramenti lil kull persuna.

(4) Il-Prim Ministru jista' jassenja uffiċjali pubbliċi biex ikunu membri tal-persunal tal-Kummissarju hekk kif jista' jqis li jkun meħtieġ sabiex jgħinu lill-Kummissarju fit-twettiq ta' dmirijietu.

(5) (*a*) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) għandu jkun hemm dak l-għadd ta' Assistenti Kummissarji għar-Rifuġjati (hawn iżjed 'il quddiem msejħa Assistenti Kummissarji) skond ma l-Prim Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta minn żmien għal żmien jistabbilixxi.

(*b*) L-Assistenti Kummissarji jinħatru mill-Prim Ministru minn fost uffiċjali pubbliċi u minn fost persuni li f'kull każ, fil-fehma tal-Prim Ministru, ikollhom konoxxenza u esperjenza f'affarijiet li jkollhom x'jaqsmu mar-rifuġjati.

(*ċ*) L-Assistenti Kummissarji għandu jkollhom, taħt it-tmexxija ġenerali tal-Kummissarju, il-funzjonijiet u poteri bħal dawk mogħtija lill-Kummissarju b'dan l-Att, u li jiġu assenjati lil kull wieħed minnhom mill-Kummissarju, inklużi l-funzjoni u l-poter li jeżaminaw

applikazzjonijiet għal status ta' rifuġjat u li jagħtu l-ġurament lil kull persuna, u riferenza f'dan l-Att, minbarra dan l-artikolu, għall-Kummissarju għandha titqies bħala li tinkludi wkoll riferenza għal Assistent Kummissarju filwaqt li jkun qiegħed jeżerċita funzjoni lilu mogħtija mill- Kummissarju.

## TAQSIMA III

*Sostitwit: VII. 2008.5.*

### Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati

Twaqqif ta' Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati. *Emendat: VIII. 20047.4.*

**5.** (1) Il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati jkun magħmul minn president u żewġ membri oħra li jinħatru mill-Prim Ministru minn fost persuni li jkunu ta' integrità magħrufa u li jidhrulu li jkunu kwalifikati minħabba f'li kellhom esperjenza, u wrew ħila, f'suġġetti li jitqiesu adattati għal dak l-iskop:

Iżda għall-inqas wieħed mill-membri tal-Bord għandu jkun persuna li tkun eżerċitat ta' avukat f'Malta għal perjodu jew perjodi li jammontaw, b'kollox, għal mhux anqas minn seba' snin.

Ħatra.

(2) Il-membri tal-Bord għandhom jibqgħu fil-kariga għal perijodu ta' tliet snin, u jkunu jistgħu jerġgħu jiġu maħtura.

(3) Il-Ministru jista' wkoll jaħtar president sostitut u membri sostituti tal-Bord sabiex joqogħdu fil-Bord kull meta l-president jew il-membri jew xi wieħed minnhom ikun għal xi raġuni valida temporanjament inkapaċi milli jattendi u jipparteċipa fis-seduti tal-Bord:

Iżda, kemm jista' jkun prattikament possibbli, l-istess president u l-istess membri għandhom jisimgħu u jikkonkludu l-istess każ.

(4) (*a*) Għandu jkun hemm dak l-għadd ta' Awli tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati skond ma jista' jordna l-Ministru.

(*b*) Meta jkun hemm iktar minn Awla waħda tal-Bord, il-każijiet għandhom jiġu assenjati lid-diversi Awli skond dawk ir-regoli li jista' jordna l-Ministru.

(*ċ*) Kull awla tal-Bord tkun magħmula minn president u żewġ membri oħra skond ma hemm provdut fis-subartikoli (1) sa (3), li flimkien mad-disposizzjonijiet loħ ra kollha ta' dan l-Att minbarra dan is-subartikolu għandhom japplikaw fir-rigward ta' kull Awla bħallikieku referenza hemm fih għall-Bord kienet referenza għal awla tal-Bord.

Tneħħija.

**6.** Membru tal-Bord jista' biss jitneħħa mill-kariga mill-Prim Ministru minħabba fi traskuraġni gravi, inkompetenza, jew attijiet, ommissjonijiet jew imġieba li ma jixirqux lil membru tal-Bord.

Appelli lill-Bord. *Emendat: VII. 2008.6.*

**7.** (1) Il-Bord ikollu s-setgħa li jisma' u jiddeċiedi appelli kontra xi rakkomandazzjoni tal-Kummissarju.

(2) Appelli lill-Bord għandhom isiru fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta ssir in-notifika tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju lill-applikant. Meta jkun l-applikant li jagħmel l-

appell, għandha tiġi notifikata kopja ta' l-appell lill-Ministru u lill-Kummissarju. Meta jkun il-Ministru li jagħmel l-appell, għandha tiġi notifikata kopja ta' l-appell lill-applikant u lill-Kummissarju:

Iżda l-Bord jista' jassumi li l-applikant ikun impliċitament irtira r-rikors ta' l-appell tiegħu meta jiġi żgurat li:

(*a*) huwa jkun naqas milli jipprovdi informazzjoni essenzjali għall-appell li jkun qiegħed jagħmel kemm-il darba l-applikant ma jurix, fi żmien raġonevoli, li n-nuqqas tiegħu seħħ minħabba f'ċirkostanzi li ma setax jikkontrolla;

(*b*) huwa jkun abbanduna jew telaq mingħajr ma kien awtorizzat mill-post fejn kien joqgħod jew fejn kien qed jinżamm, mingħajr ma għarraf lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien raġonevoli jew ma jkunx, fi żmien tletin ġurnata, ħares id-dmir li kellu li jirrapporta jew xi obbligazzjoni oħra li seta' kellu biex jikkomunika.

(3) Meta jsir appell mill-Ministru, applikant li jkun qiegħed jinżamm f'kustodja minħabba biss f'ordni ta' deportazzjoni jew ta' tneħħija għandu jinħeles sakemm tingħata d-deċizjoni tal-Bord.

(4) Il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati għandu, skond ma jista' jkun jeħtieġ il-każ partikolari, jagħmel arranġamenti biex jipprokura l-attendenza ta' interpretu biex jassisti waqt is-seduti.

(5) Appellant ikollu d-dritt għal għajnuna legali bla ħlas taħt l-istess kondizzjonijiet li japplikaw għal ċittadini Maltin.

(6) Sakemm il-partijiet kollha jkunu jaqblu bejniethom, is-seduti tal-Bord għandhom jinżammu *in camera*.

(7) Rappreżentant tal-Kummissarju Għoli dejjem ikollu d-dritt jattendi għas-seduti tal-Bord.

(8) Bla ħsara għar-regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 25(1)(*b*), il-Bord għandu jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu. Il-Bord għandu wkoll permezz tal-President ikollu s-setgħa li jamministra l-ġurament lil kull persuna li tidher quddiemu.

(9) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, iżda mingħajr preġudizzju għall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, id-deċizjoni tal-Bord tkun waħda finali u konklużiva u ma tkun tista' tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja, ħlief taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7A. Kap. 319.

(10) Meta l-Bord jiddeċiedi favur l-applikant, il-Ministru għandu joħroġ dikjarazzjoni skond hekk.

Applikazzjoni sussegwenti wara deċiżjoni finali. *Miżjud: VII. 2008.7.*

**7A.** (1) Persuna li tkun applikat għal asil tista' tagħmel applikazzjoni sussegwenti lill-Kummissarju għar-Rifuġjati wara li tkun ingħatat deċiżjoni finali:

Iżda dik l-applikazzjoni għandha tiġi biss ikkunsidrata wara li jiġu preżentati elementi jew riżultanzi ġodda, li jkollhom x'jaqsmu ma' l-eżami dwar jekk il-persuna li tkun qegħda tagħmel l-applikazzjoni sussegwenti tkunx tikkwalifika bħala rifuġjat, u li l-

applikant ma setax ikun jaf bihom jew li huwa ma setax jippreżenta.

(2) Il-persuna li tkun qegħda tippreżenta applikazzjoni sussegwenti għandha:

(*a*) tindika l-fatti u ġġib provi li jkunu jiġġustifikaw din il-proċedura; u

(*b*) tippreżenta dik l-informazzjoni ġdida fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-jum meta l-persuna li tkun qegħda tagħmel l-applikazzjoni sussegwenti tkun kisbet dik l-informazzjoni.

(3) L-eżami jista' jsir abbażi biss ta' sottomissjonijiet bil-miktub u l-persuna li tkun qegħda tagħmel l-applikazzjoni sussegwenti għandha tiġi mgħarrfa bl-eżitu ta' l-eżami u d-dritt li jkollha li tagħmel appell.

## TAQSIMA IV

### Status ta' Rifuġjat u Status ta' Protezzjoni Sussidjarja

I - Status ta' Rifuġjat

Kwalifika għal status ta' rifuġjat. *Emendat: VIII. 2004.5. Sostitwit: VII. 2008.8.*

**8.** (1) Persuna tista' tapplika lill-Kummissarju, fuq il-formola preskritta, u għandha tingħata protezzjoni ta' rifuġjat, meta jiġi stabbilit li hija tkun qiegħda tiffaċċa biża' msejsa sew fuq il-persekuzzjoni fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħha jew fejn tkun soltu toqgħod skond il-Konvenzjoni.

(2) Il-biża' msejsa sew fuq il-persekuzzjoni tista' tkun ibbażata fuq avvenimenti li jkunu seħħew wara li l-applikant ikun telaq mill-pajjiż ta' l-oriġini tiegħu jew mill-attivitajiet li l-applikant ikun wettaq minn meta jkun telaq mill-pajjiż ta' l-oriġini, ħlief meta din tkun ibbażata fuq ċirkostanzi li l-applikant ikun ta lok għalihom b'deċiżjoni tiegħu innifsu minn meta huwa jkun telaq mill-pajjiż ta' l-oriġini.

(3) Jekk il-Kummissarju jirrakkomanda li l-applikazzjoni tiġi aċċettata, il-Ministru għandu jagħmel dikjarazzjoni li l-applikant ikun eliġibbli għal status ta' rifuġjat, jew appell kontra dik ir-rakkomandazzjoni.

Waqfien ta' kwalifika għal status ta' rifuġjat. *Sostitwit: VII. 2008.8.*

**9.** (1) Persuna ittemm milli jibqa' jkollha l-istatus ta' rifuġjat jekk hija -

(*a*) tkun volontarjament reġgħet utilizzat il-protezzjoni tal-pajjiż taċ-ċittadinanza tagħha, jew wara li tkun tilfet iċ-ċittadinanza tagħha, hija tkun volontarjament reġgħet kisbitha; jew

(*b*) tkun kisbet ċittadinanza ġdida u tkun tgawdi l-protezzjoni tal-pajjiż taċ-ċittadinanza ġdida tagħha; jew

(*ċ*) tkun volontarjament reġgħet stabbiliet lilha nnifisha fil-pajjiż li tkun telqet minnu jew li tkun baqgħet 'il barra minnu minħabba f'biża' ta' persekuzzjoni; jew

(*d*) ma tkunx tista' tibqa', minħabba f'li ċ-ċirkostanzi li minħabba fihom hija tkun ġiet rikonoxxuta bħala

rifuġjat ma jkunux għadhom aktar jeżistu, tkompli tiċħad li tagħmel użu mill-protezzjoni tal-pajjiż li tkun ċittadin tiegħu; jew

(*e*) tkun persuna li ma jkollhiex ċittadinanza u li, billi ċ-ċirkostanzi li minħabba fihom hija tkun ġiet rikonoxxuta bħala rifuġjat ma jkunux għadhom aktar jeżistu, hija tkun tista' tirritorna lejn il-pajjiż fejn soltu kienet toqgħod:

Iżda fil-paragrafi (*d*) u (*e*), għandu jitqies jekk il-bidla fiċ-ċirkostanzi tkunx waħda ta' natura sinifikanti u mhux temporanja li l-biża ta' persekuzzoni li jkollu rifuġjat ma tkunx tista' tibqa' titqies bħala waħda li tkun imsejsa sew.

(2) Persuna li tkun ġiet avżata li ma tkunx għad għandha status ta' rifuġjat ikollha jedd tappella kontra dik id-deċiżjoni fil-Bord fi żmien ħmistax-il jum minn dak l-avviż u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7 għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal dak l-appell. Id-deċiżjoni tal-Bord tkun waħda finali.

Revoka jew ċħid ta' tiġdid ta' status ta' rifuġjat. *Sostitwit: VII. 2008.8.*

**10.** (1) Il-Ministru għandu jirrevoka dikjarazzjoni ta' status ta' rifuġjat meta huwa jkun sodisfatt, wara li jagħmel investigazzjoni kif imiss, li dik il-persuna li tkun inħarġitilha dikjarazzjoni tkun ġiet rikonoxxuta ħażin bħala rifuġjat abbażi ta' applikazzjoni li jkun fiha informazzjoni materjalment mhux korretta jew falza, jew kienet hekk rikonoxxuta minħabba fi frodi, falsifikazzjoni, jew li tkun ippreżentat tagħrif falz jew qarrieqi ta' xorta materjali jew sostanzjali għar-rigward ta' dik l-applikazzjoni:

Iżda dik il-persuna għandha tiġi mgħarrfa bil-miktub meta l-kwalifika tagħha għal status ta' rifuġjat tkun qegħda tiġi kkunsidrata mill-ġdid, għandha tingħata raġunijiet għal dik il-kunsiderazzjoni mill-ġdid u għandha tingħata l-opportunità li tippreżenta, waqt li ssirilha intervista personali, ir-raġunijiet għaliex l-istatus tagħha ta' rifuġjat ma għandux ikun irtirat.

(2) Il-Ministru jista' jirrevoka jew jiċħad milli jġedded il-protezzjoni mogħtija lil rifuġjat meta:

(*a*) jkun hemm raġunijiet validi biex jikkunsidrah bħala perikoluż għas-sigurezza ta' Malta;

(*b*) billi jkun instab ħati b'sentenza li tkun daħlet f'ġudikat ta' xi reat li jkun wieħed partikolarment gravi, huwa jkun ta' periklu għall-komunità f'Malta.

(3) Persuna li dwarha l-Ministru jkun irrevoka jew ċaħad milli jġedded dikjarazzjoni taħt is-subartikoli (1) jew (2) ikollha l-jedd tappella kontra r-revoka fil-Bord fi żmien sebat ijiem min-notifika li ssirilha tar-revoka, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7 għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal dak lappell.

Tkeċċija. *Sostitwit: VII. 2008.8.*

**11.** (1) Il-Ministru jista' jordna t-tkeċċija minn Malta ta' rifuġjat jew persuni mogħtija protezzjoni sussidjarja abbażi tas-sigurezza nazzjonali jew l-ordni pubbliku, u sakemm issir dik it-tkeċċija dik il-persuna għandha tinżamm f'kustodja.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7 għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal ordnijiet ta' tkeċċija maħruġin

taħt dan lartikolu.

(3) Rifuġjat li dwaru jkun japplika dan l-artikolu għandu jingħata żmien raġonevoli li matulu jkun jista' jikseb dħul legali f'pajjiż ieħor.

Esklużjoni. *Sostitwit: VII. 2008.8.*

**12.** (1) Persuna li tkun ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolidi hija eskluża milli tkun rifuġjat jekk:

(*a*) hija tkun tinkwadra fl-iskop ta' l-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni, dwar il-protezzjoni jew l-assistenza minn organi jew aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti li ma jkunx il-Kummissarju Għoli għar-Rifuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti. Meta għal xi raġuni tkun intemmet dik il-protezzjoni jew assistenza mingħajr ma l-posizzjoni ta' dik il-persuna ma tkun ġiet stabbilita definittivament skond ir-riżoluzzjonijiet rilevanti adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, dawk il-persuni għandu jkollhom *ipso facto* il-jedd għall-benefiċċji ta' dan l-Att; jew

(*b*) hija tkun rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż fejn hija tkun toqgħod bħala li għandha d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet li jinkombu fuq min ikollu ċ-ċittadinanza ta' dak il-pajjiż, jew drittijiet u obbligazzjonijiet ekwivalenti.

(2) Persuna li tkun ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolidi hija wkoll eskluża milli tkun rifuġjat meta jkun hemm raġunijiet gravi sabiex jitqies li:

(*a*) hija tkun għamlet delitt kontra l-paċi, delitt tal-gwerra, jew delitt kontra l-umanità, kif imfissrin fl-istrumenti internazzjonali magħmulin biex jipprovdu dwar delitti bħal dawk; jew

(*b*) hija tkun għamlet delitt gravi mhux politiku barra l-pajjiż fejn tkun rifuġjat, inklużi azzjonijiet partikolarment krudili ukoll jekk dawn isiru bi skop allegatament politiku, qabel ma tkun iddaħħlet bħala rifuġjat; jew

(*ċ*) hija tkun insabet ħatja ta' atti li jmorru kontra l-finijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti kif stipulati fil-Preambolu u fl-Artikoli 1 u 2 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

(3) Is-subartikolu (2) japplika għal persuni li jistigaw jew xort'oħra jipparteċipaw fl-għemil tad-delitti jew fl-atti msemmija f'dak is-subartikolu.

II - *Non-refoulement*, trattament, persuna li tmur tgħammar f'pajjiż ieħor u assistenza

Trattament. *Sostitwit: VII. 2008.8.*

**13.** (1) Persuna li tkun qegħda tfittex asil f'Malta tista' tapplika għand il-Kummissarju skond il-formola preskritta għal dikjarazzjoni bħal dik u għandha tiġi intervistata mill-Kummissarju kemm jista' jkun malajr.

(2) Applikant għal asil għandu jkollu aċċess għal edukazzjoni u taħriġ li jingħataw mill-istat f'Malta u jirċievi kura u servizzi

mediċi li wkoll jingħataw mill-istat.

(3) Kull tifel, tifla jew żagħżugħ li ma jkunux għalqu t-tmintax-il sena u li jkunu jinkwadraw fl-iskop ta' dan l-Att u li jinsabu f'ċirkostanzi li jkunu jindikaw b'mod ċar li t-talin ikunu tifel, tifla jew żagħżugħ li jkollhom bżonn ta' xi kura, għandhom jitħallew japplikaw għall-asil, u għall-finijiet ta' dan l-Att, għandhom ikunu assistiti skond l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien), bħallikieku dawn kienu tifel, tifla jew żagħżugħ taħt dak l-Att. Kap. 285.

Projbizzjoni ta' refoulment.
*Sostitwit: VII. 2008.8.*

**14.** (1) M'għandhiex persuna titkeċċa minn Malta jew titreġġa' lura b'ebda mod li jkun lejn il-fruntieri ta' territorji fejn il-ħajja jew il-libertà ta' dik il-persuna jkunu mhedda minħabba fir-razza, ir-reliġjon, ċittadinanza jew nazzjonalità tagħha, jew għax hija tkun membru ta' xi grupp soċjali partikolari jew ta' xi fehma politika.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx ikunu japplikaw għal rifuġjat jew persuna li tkun qegħda tgawdi protezzjoni sussidjarja u li dwarha jkun hemm raġunijiet validi għaliex għandha titqies bħala ta' periklu għas-sigurezza ta' Malta, jew li, għax tkun insabet ħatja b'sentenza li tkun daħlet f'ġudikat ta' xi reat li jkun wieħed partikolarment gravi, tkun ta' periklu għall-komunità.

Min imur jgħammar f'pajjiż ieħor.
*Sostitwit: VII. 2008.8.*

**15.** Il-Ministru jista', wara li ssirlu talba bil-miktub mill-applikant, minn rifuġjat rikonoxxut jew minn persuna li tkun tgawdi protezzjoni sussidjarja, u meta jkun meħtieġ bl-assistenza tal-Kummissarju Għoli, jiffaċilita t-tluq ta' dik il-persuna biex tmur tgħammar f'pajjiż ieħor u tagħmel dak kollu li jkun meħtieġ għal dak il-għan.

Assistenza.
*Sostitwit: VII. 2008.8.*

**16.** Il-Kummissarju għandu kemm jista' jkun jiżgura li l-applikazzjoni ta' dan l-Att tkun konformi mal-prattika internazzjonali, u għal dan il-għan huwa jista' jikseb l-assistenza tal-Kummissarju Għoli jew ta' xi korp mhux governattiv nazzjonali jew internazzjonali li jkollu x'jaqsam ma' affarijiet li jirrigwardaw ir-rifuġjati.

III - Status ta' protezzjoni sussidjarja

Kwalifika għal status ta' protezzjoni sussidjarja.
*Sostitwit: VII. 2008.8.*

**17.** (1) Wara li ssirlu rakkomandazzjoni mill-Kummissarju tar-Rifuġjati, il-Ministru għandu jiddikjara li jingħata status ta' protezzjoni sussidjarja lil applikant għal asil li jkollu l-applikazzjoni tiegħu miċħuda iżda li dwaru jkun hemm motivi tassew għaliex wieħed jaħseb li l-persuna involuta, jekk din titreġġa' lura lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħha, jew fil-każ ta' persuna apolidi, lejn il-pajjiż fejn hija kienet qabel tirrisjedi, tiffaċċa riskju serju li ġġarrab danni gravi, u l-Kummissarju jkun għadu jista' jagħmel rakkomandazzjoni bħal dik f'dawk il-każijiet meta jkun hemm ir-riskju serju li jiġġarbu danni gravi wkoll wara li tkun ittieħdet deċiżjoni li ma tingħatax protezzjoni sussidjarja:

Iżda persuna li tkun ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolidi hija eskluża milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja meta jkun hemm raġunijiet gravi biex jiġi kkunsidrat li:

(*a*) hija tkun għamlet delitt kontra l-paċi, delitt tal-gwerra, jew delitt kontra l-umanità, kif imfissrin fl-istrumenti internazzjonali magħmulin biex jipprovdu dwar delitti bħal dawk jew persuna li tinstiga jew xort'oħra tipparteċipa fl-għemil ta' dawk id-delitti; jew

(*b*) hija tkun għamlet delitt mhux gravi; jew

(*ċ*) hija tkun insabet ħatja ta' atti li jmorru kontra l-finijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti kif stipulati fil-Preambolu u fl-Artikoli 1 u 2 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti; jew

(*d*) hija tkun ta' periklu għall-komunità jew għas-sigurezza ta' Malta:

Iżda wkoll il-paragrafi (*a*), (*b*), (*ċ*) u (*d*) għandhom ukoll ikunu japplikaw għal persuni li jinstigaw jew xort'oħra jipparteċipaw fl-għemil tad-delitti jew ta' l-atti msemmija fihom:

Iżda wkoll id-deċiżjoni li tirrigwarda l-għoti ta' protezzjoni sussidjarja għandha tingħata flimkien mad-deċiżjoni formali li l-applikant ma jkunx konformi mal-kriterji ta' rifuġjat taħt dan l-Att.

(2) Il-Kummissarju għar-Rifuġjati jista' jeskludi lil ċittadin ta' pajjiż terz jew lil persuna apolidi milli tkun eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja jekk l-applikant, qabel ma jiddaħħal Malta, ikun għamel xi delitt wieħed jew aktar, li jmorru lil hinn mill-iskop tas-subartikolu (1), li dwarhom ikun hemm piena ta' priġunerija li kieku dawn kienu saru f'Malta u jekk l-applikant ikun telaq mill-pajjiż ta' l-oriġini tiegħu unikament biex jevita s-sanzjonijiet li joħorġu minn dawn id-delitti.

Atturi dwar riskju kbir jew theddida gravi.
*Emendat: VIII. 2004.6.*
*Sostitwit: VII. 2008.8.*

**18.** Dawn li ġejjin jistgħu jiġu kkunsidrati bħala atturi ta' riskju serju li jġarrbu danni gravi skond l-artikolu 17(1):

(*a*) l-Istat;

(*b*) gruppi jew organizzazzjonijiet li jkunu qegħdin jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali mit-territorju ta' l-Istat;

(*ċ*) atturi mhux Statali, jekk ikun jista' jintwera li l-atturi msemmija fil-paragrafi (*a*) u (*b*), inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, ma jkunux kapaċi jew ma jkunux iridu jipprovdu protezzjoni kontra l-atti msemmija fl-artikolu 17(1).

Atturi dwar il-protezzjoni.
*Miżjud: VII. 2008.8.*

**19.** (1) Il-protezzjoni tista' tiġi provduta:

(*a*) mill-Istat; jew

(*b*) minn gruppi jew organizzazzjonijiet, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, li jkunu qegħdin jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali mit-territorju ta' l-Istat.

(2) Għandha tiġi provduta protezzjoni meta l-entitajiet imsemmija fis-subartikolu (1) jieħdu passi raġonevoli biex jipprevjenu l-atti msemmija fl-artikolu 17(1) bit-tħaddim ta' sistema legali effettiva għall-kxif, il-prosekuzzjoni u l-għoti ta' pieni għal atti li jikkostitwixxu persekuzzjoni jew danni gravi, u l-

applikant ikollu aċċess għal dik il-protezzjoni.

**20.** (1) Bħala parti mill-valutazzjoni ta' l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, il-Kummissarju għar-Rifuġjati jista' jiddeċiedi li l-applikant ma jkollux bżonn protezzjoni internazzjonali jekk huwa, fil-qadi ta' dmirijietu, iqis li f'xi parti mill-pajjiż ta' l-oriġini ma jkun hemm ebda biża' msejsa sew li persuna ser tkun soġġetta għall-atti msemmija fl-artikolu 17(1) u l-applikant jista' jkun raġonevolment mistenni li jibqa' f'dik il-parti tal-pajjiż.

Protezzjoni interna. *Miżjud: VII. 2008.8.*

(2) Is-subartikolu (1) jista' jkun japplika minkejja kull tfixkil jew diffikultà li l-applikant jista' jkollu biex jerġa' lura lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tiegħu.

**21.** Il-protezzjoni sussidjarja għandha tintemm jekk il-Ministru ikun sodisfatt, wara li jikkonsulta mal-Kummissarju, li dawk iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-għoti ta' status ta' protezzjoni sussidjarja ma jkunux baqgħu jeżistu jew ikunu daqstant inbidlu li ma tkun meħtieġa aktar ebda protezzjoni:

Kif tintemm il-kwalifika ta' status ta' protezzjoni sussidjarja. *Miżjud: VII. 2008.8.*

Iżda għandu jitqies jekk il-bidla fiċ-ċirkostanzi tkunx waħda daqstant sinifikanti u ta' xorta mhux temporanja li l-persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja ma tkunx għadha aktar tiffaċċa riskju kbir ta' danni gravi.

**22.** Il-Ministru għandu jirrevoka jew jiċħad milli jġedded l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolidi jekk:

Revoka jew ċħid ta' tiġdid ta' status ta' protezzjoni sussidjarja. *Miżjud: VII. 2008.8.*

(*a*) wara li tkun ingħatat status ta' protezzjoni sussidjarja, hija kien imissha tiġi eskluża jew tiġi eskluża milli tkun eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja skond l-artikolu 17(1); jew

(*b*) meta hija qarrqet bil-fatti jew ħalliet barra xi fatti, inkluż meta setgħet użat dokumenti foloz, dan kien ikun deċiżiv għall-għoti ta' status ta' protezzjoni sussidjarja.

## TAQSIMA V

### Proċeduri Aċċellerati

**23.** (1) Persuna li tfittex asil f'Malta skond l-artikolu 8 għandha tiġi eżaminata taħt proċeduri aċċellerati skond dan l-artikolu meta l-applikazzjoni tagħha tkun *prima facie* tidher bħala waħda manifestament infondata.

Applikazzjonijiet manifestament infondati. *Miżjud: VII. 2008.8.*

(2) Meta l-Kummissarju jkun tal-fehma *prima facie*, f'kull stadju li jkun, li l-applikazzjoni tkun waħda manifestament infondata, il-Kummissarju għandu jeżamina l-applikazzjoni fi żmien tliet ijiem tax-xogħol u għandu, skond ma jkun japplika, jirrakkomanda li l-applikazzjoni tkun waħda manifestament infondata.

(3) Ir-rakkomandazzjoni għanda tiġi minnufih riferita lill-President tal-Bord li għandu jeżamina u jirrevedi r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju fi żmien tliet ijiem tax-xogħol.

(4) Il-deċiżjoni tal-President tal-Bord dwar jekk l-applikazzjoni tkunx waħda manifestament infondata għandha tkun waħda finali u konkluživa u minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda appell jew għamla ta' reviżjoni ġudizzjarja oħra ma tista' ssir quddiem il-Bord jew quddiem xi qorti oħra.

(5) Meta, wara li jsiru l-proċeduri msemmija fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, applikazzjoni tiġi miċħuda, il-President tal-Bord għandu jibgħat kopja tad-deċiżjoni motivata lill-Ministru u lill-Kummissarju.

(6) Kull intervista ma' l-applikant taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu għandha, skond ma jkun meħtieġ, titmexxa bil-magħluq u bl-assistenza ta' interpretu. L-applikant għandhu wkoll jiġi mgħarraf bid-dritt li jkollu li jikseb is-servizz ta' konsulent legali biex jassistih matul il-proċeduri aċċellerati u li jikkonsulta lill-Kummissarju Għoli.

(7) Meta l-applikazzjoni titqies bħala waħda mhux manifestament infondata, dik l-applikazzjoni għandha tiġi eżaminata taħt proċeduri normali skond ma hemm provdut taħt dan l-Att.

(8) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jekk waqt li jkun qiegħed isir l-eżami ta' xi applikazzjoni li tkun saret skond l-artikolu 8, il-Kummissarju jasal għall-konklużjoni li l-applikazzjoni għandha tinstama' taħt proċeduri aċċellerati minħabba f'li din tkun *prima facie* waħda manifestament infondata jew għaliex l-applikant ikun sab jew seta' jsib protezzjoni sigura band'oħra skond il-Konvenzjoni u d-Direttivi, l-applikazzjoni għandha tinstama' taħt proċeduri aċċellerati u d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*.

(9) Meta applikant ikollu dokument ta' l-ivvjaġġar maħruġ minn pajjiż terz sigur konformement mal-Konvenzjoni u mad-Direttivi, huwa jista' jiġi dikjarat bħala li kien sigur mill-persekuzzjoni f'dak l-Istat u l-applikazzjoni tiegħu għandha tinstama' taħt proċeduri aċċellerati skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu.

Applikazzjonijiet inammissibbli.
*Miżjud: VII. 2008.8.*

**24.** (1) Applikazzjoni li ssir minn persuna f'Malta li tkun qegħda tfittex ir-rikonoxximent ta' status ta' rifuġjat u li tkun tinkwadra taħt xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin, tkun inammissibbli jekk:

(*a*) ikun hemm Stat Membru ieħor li jkun ħareġ status ta' rifuġjat jew li jkollu l-obbligu li jeżamina dik l-applikazzjoni għal asil skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 343/03 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi li jiddeterminaw liema jkun l-Istat Membru responsabbli biex isir l-eżami ta' applikazzjoni għal asil li tkun ġiet ippreżentata f'xi wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz;

(*b*) pajjiż li ma jkunx Stat Membru jitqies bħala l-ewwel pajjiż ta' l-asil għall-applikant;

(*ċ*) pajjiż li ma jkunx Stat Membru jitqies bħala pajjiż terz sigur għall-applikant;

(*d*) l-applikant jitħalla jibqa' Malta abbażi ta' xi raġuni oħra u bħala riżultat ta' dan huwa jkun ingħata status komparabbli għad-drittijiet u l-benefiċċji ta' l-istatus ta' rifuġjat;

(*e*) l-applikant jitħalla jibqa' Malta abbażi ta' xi raġuni oħra li tipproteġih kontra *refoulement* sakemm tintemm proċedura għad-determinazzjoni ta' l-istatus tiegħu;

(*f*) l-applikant ikun ippreżenta applikazzjoni identika wara deċiżjoni finali;

(*g*) membru dipendenti ta' l-applikant jippreżenta applikazzjoni wara li jkun ta l-kunsens tiegħu biex il-każ tiegħu jkun jifforma parti minn applikazzjoni li tkun saret f'ismu, u ma jkun hemm ebda fatt li jkollu x'jaqsam mas-sitwazzjoni tal-persuna dipendenti li jkunu jiġġustifikaw applikazzjoni separata;

(*h*) ikun ġie rikonoxxut f'xi pajjiż li ma jkunx Stat Membru bħala rifuġjat u jkun xorta għadu jista' jużufruwixxi minn dik il-protezzjoni jew ikun xort'oħra jgawdi protezzjoni biżżejjed f'dak il-pajjiż, inkluż li jkun jikseb benefiċċju mill-prinċipju ta' *non-refoulement*, u dik il-persuna tkun tista' terġa' tiddaħħal f'dak il-pajjiż; jew

(*i*) ikollu in-nazzjonalità jew ikun ċittadin ta' xi pajjiż ta' l-oriġini sigur elenkat fl-Iskeda jew, jekk huwa ma jkollux in-nazzjonalità jew ma jkunx ċittadin ta' dak il-pajjiż, huwa jkollu d-dritt ta' residenza fih.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22(2), (3), (4) u (5) għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal applikazzjonijiet li jkunu inammissibbli.

(3) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jkunu jemendaw l-elenku ta' pajjiżi speċifikati fl-Iskeda, iżda jkunu jistgħu jiġu elenkati f'dik l-Iskeda dawk il-pajjiżi biss li fil-fehma tiegħu jkunu pajjiżi ta' oriġini sigur, b'dan ukoll li l-Ministru għandu jneħħi minn dik l-Iskeda xi pajjiż li fil-fehma tiegħu ma jkunx għadu pajjiż ta' l-oriġini sigur.

## TAQSIMA VI

### Mixxellanji

Setgħa ta' għemil ta' regolamenti. *Emendat: A.L. 426 ta' l-2007; VII. 2008.9, 10.*

**25.** (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti bil-għan li dan l-Att ikun jista' jkollu seħħ u, b'mod partikolari iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak kollu hawn aktar qabel imsemmi, regolamenti taħt dan l-artikolu jistgħu jagħmlu provvedimenti li:

(*a*) jirregolaw l-applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni u l-proċedura għal u dwar dawk l-applikazzjonijiet;

(*b*) jirregolaw bi ftehim mal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-

Rifuġjati appelli taħt dan l-Att quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati u l-proċedura għal u dwar dawk l-appelli u jipprovdu li kull persuna li tikser jew tonqos mill-tħares id-disposizzjonijiet ta' xi regolament wieħed jew aktar minn dawk tkun ħatja ta' reat kontra r-regolamenti u sabiex tiġi stabbilita l-piena li tali persuna tkun tista' teħel meta tinsab ħatja, liema piena ma tkunx teċċedi multa ta' elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien mhux iktar minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien;

(*ċ*) jirregolaw l-għoti ta' għajnuna legali lil persuni li jfittxu asil;

Kap. 318.

(*d*) jestendu, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għas-sigurtà soċjali, kull disposizzjoni ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali lil persuni li jaqgħu taħt dan l-Att;

(*e*) jirregolaw l-għoti u l-allokazzjoni ta' responsabbiltajiet u dmirijiet li jkollu l-Ministru taħt dan l-Att lil uffiċjal pubbliku;

(*f*) jirregolaw bi ftehim mal-Ministru responsabbli għax-xogħol l-għoti ta' permessi tax-xogħol lil rifuġjati rikonoxxuti u lill-membri tal-familja tagħhom, u lil persuni li jkunu qegħdin igawdu protezzjoni sussidjarja;

(*g*) jipprovdu l-mezzi sabiex tiġi faċilitata l-identifikazzjoni ta' applikanti għal status ta' rifuġjati u sabiex tali informazzjoni tiġi komunikata, meta tkun hekk mitluba, lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi li magħhom Malta jkollha xi ftehim bilaterali intiż għal dawk l-għanijiet jew li jkunu partijiet f'konvenzjonijiet internazzjonali relatati mar-rifuġjati u li fihom Malta tkun ukoll parti u li jkunu jipprovdu għal skambji bħal dawk;

(*h*) jimplimentaw id-disposizzjonijiet tad-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea li jkollhom x'jaqsmu mar-rifuġjati u affarijiet anċillari;

(*i*) jipprovdu li kull persuna li tikser jew li tonqos milli tħares id-disposizzjonijiet ta' xi regolament wieħed jew aktar regolamenti, tkun ħatja ta' reat kontra r-regolamenti u jistabbilixxu għall-ksur ta' dawk ir-regolamenti l-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) jew ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, jew ta' dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-Ministru jista' taħt dan is-subartikolu b'regolamenti jagħmel provvedimenti li jkunu jżidu mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew jidderogaw minnhom, sabiex iġibu fis-seħħ il-provvedimenti ta' xi konvenzjoni jew trattat ieħor internazzjonali li jkunu jirrigwardaw lir-rifuġjati, l-istatus u l-protezzjoni tagħhom, li Malta tista' ssir parti fihom wara li r-ratifika ta' dak it-trattat tkun ġiet approvata permezz ta'

Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Disposizzjoni transitorja. *Emendat: VII. 2008.9.*

**26.** (*a*) Meta, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, persuna tkun għamlet applikazzjoni għal status ta' rifuġjat quddiem il-Kummissarju Għoli iżda ma tkun ittieħdet ebda deċiżjoni dwar dan, l-applikazzjoni għandha titqies bħala applikazzjoni taħt l-artikolu 8 u għandha tiġi trattata skond dan l-Att.

(*b*) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, persuna f'Malta li qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att kienet diġà rikonoxxuta bħala rifuġjat mill-Kummissarju Għoli, għandha fuq talba tagħha tkompli tiġi rikonoxxuta bħala tali u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, meta jkunu rilevanti, għandhom ikunu wkoll japplikaw għaliha.

(*ċ*) Persuna f'Malta li qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, għalkemm mhux rikonoxxuta mill-Kummissarju Għoli bħala rifuġjat, ikollha protezzjoni umanitarja li tingħatalha mill-istess Kummissarju Għoli, jew li l-każ tagħha jkun klassifikat mill-Kummissarju Għoli bħala wieħed ta' interess, għandha meta hija hekk titlob tibqa' titqies bħala tali u għandha tgawdi protezzjoni umanitarja f'Malta kif imfisser taħt dan l-Att.

---

## SKEDA

(Artikolu 24)

*Miżjuda: VIII. 2004.8. Emendata: A.L. 40 ta' l-2005; VII. 2008.11.*

| | |
|---|---|
| Awstralja | Islanda |
| Benin | Kanada |
| Botswana | Kosta Rika |
| Brażil | Liechtenstein |
| Cape Verde | New Zealand |
| Ċili | Norveġja |
| Gabon | Senegal |
| Kroazja | Stati Uniti ta' l-Amerika |
| Ġamajka | Svizzera |
| Gana | Urugwaj |
| Ġappun | Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u taż-Żona Ekonomika Ewropea |
| Indja | |

---